MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 116/2009

Publius Pisani (Id. 27455G)

Vs

Winston Carbone.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur ippremetta illi f'Awissu/Settembru tal-2007, fuq inkarigu tal-konvenut, huwa ghamel xoghol fil-proprjeta' ta' l-istess konvenut, fi Triq il-Hwawar, limiti tax-Xwieki, l-Iklin. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti fi ftuh ta' twieqi, tkissir ta' saqaf, xoghol ta' concrete, tqeghid tal-madum, tikhil u kisi u xogholijiet ohra ta' l-istess generu. Illi f'Settembru tal-2007, qabel ma l-attur lesta x-xogholijiet kollha li kien inkarigat jaghmel, il-konvenut waqqfu milli jkompli jahdem. Illi l-attur baghat lill-konvenut il-kont tax-xoghol li kien ammontanti ghal tmien telef, sebgha mija u disa u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu kompriz il-VAT. Wara li l-konvenut

ghamel diversi pagamenti, ghad fadallu jhallas lill-attur il-bilanc ta’ tlett elef, seba mija u sebgha u sebghin centezmu, li l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas ghalkemm mitlub. Ghal fini ta’ kompetenza l-ammont mitlub f’din il-kawza qed jigi ridott ghal tlett elef, erba mija u erba u disghin ewro (€3,494.00).

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa (i) illi huwa m’ghandu jaghti xejn lill-attur stante li huwa thallas ta’ xogholu u ma hemm l-ebda bilanc dovut lilu; (ii) illi fi kwalunkwe kaz, id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut Winston Carbone.

Sema’ x-xhieda tal-attur Publius Pisani.

Ra l-verbal tas-seduta ta’ l-1 ta’ Dicembru 2010, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

**Ikkunsidra.**

Illi din hija sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut fir-risposta tieghu, u cioe l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta’ l-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dan l-istess artikolu jiddisponi hekk kif gej:-

*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ tmintax-il xahar:*

*(a) l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta’ persuni ohra*

*li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu.'*

Illi fost affarijiet ohra, l-konvenut xehed testwalment hekk:- '*Jiena lill-attur fit-2007 hallastu xi ammont akkont. Jiena mbaghad kont hallast xi ammont finali ta' xi erba mitt lira pero' ma nistax niftakar meta, u dan sar xi disa' jew ghaxar xhur ilu*.'

Dan intqal mill-konvenut meta kien qieghed jixhed fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2009, u b'hekk skond hu stess, l-ahhar pagament li sar minnu lill-konvenut kien bejn wiehed u iehor f'Lulju tas-sena 2008, jew anki f'Awissu tas-sena 2008. Stante li l-kawza odjerna gie istitwita fi Frar tas-sena 2009, huwa ovvju li bil-pagament tieghu, l-konvenut interrompa t-terminu preskrittiv ta' tmintax-il xahar.

Oltre dan, anki jekk wiehed jiehu biss dak li xehed l-attur, u jara d-dokumenti esebiti minnu, skond il-prospett Dok. A (esebit a fol. 17 tal-process), fit-12 ta' Dicembru 2007 jidher li sar xi pagament mill-konvenut lill-attur ta' erba mitt Lira Maltin. Jirrizulta ghalhekk li dan il-pagament wkoll sar entro t-terminu tat-tmintax-il xahar sakemm saret il-kawza, u ghalhekk it-terminu preskrittiv gie interrott b'dan il-pagament, li del resto il-konvenut qatt ma nnega li sar minnu. In vista ta' dan kollu, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, bl-ispejjes ta' din l-istanza kontra tieghu, u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------